**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# B-day maġiku f'Bay Street

## Jiċċelebraw 13-il sena ta' suċċess




Nhar il-Ħadd, 24 ta' Novembru, il-Kumpless ta' Bay Street, fil-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan, se jiċċelebra t-13-il anniversarju mil-ftugħ tal-kumpless.

Bay Street, il-kumpless ewlieni f'Malta għax-xiri, ikel u divertiment, ippreparaw programm sħiħ ta' divertiment u avvenimenti li jibdew f'nofsinhar u jkomplu sejrin sat-8 p.m.

Is-Sinjura Margaret Abela, mart il-President tar-Repubblika, se tinawgura uffiċjalment attrazjoni ġdida għax-xitwa f'Bay Street, post fejn tista' tiskejtja fuq silġ vera, matul il-wara nofsinhar. Il-ħlasijiet kollha li jinġabru dakinhar mill-post fejn jiskejtjaw se jingħataw lill-Istrina 2013.

L-artisti magħrufin Maltin, Mary Spiteri u Gianluca Bezzina, se jkanwaw live u l-impronta ta' jdejhom se jiġu ssetjati għall-Mixja tal-Fama ta' Bay Street. Biex iżidu mad-divertiment se jkun hemm animazzjoni b'xejn għat-tfal u Father Christmas se jagħmel żjara speċjali fil-Kumpless.

"Fil-jum li niċċelebraw it-13-il anniversarju ta' Bay Street, nixtiequ ngħidu grazzi kbira lill-klijenti leali u l-imsieħba tagħna fil-ħwienet," qal kelliem għal Bay Street. "Nieħdu gost nospitaw din iċ-ċelebrazzjoni, li se tiġbor fondi għall-komunità permezz tal-Istrina 2013."

Se jingħata siegħa parkeġġ b'xeja lill-klijenti kollha li jixtru, jieklu jew jiskejtjaw matul il-ġurnata.

Għal iktar informazzjoni ċempel fuq 2138 0600 jew żur il-paġna ta' Bay Street fuq Facebook, www.facebook.com/baystreetmalta.

– TMIEM –